KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 43/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 43**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru 2014. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio, u il-Kunsillier Renald Dalli.

Il-Kunsillier Tyrone Muscat kien skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

1. **Minuti tal-Laqgħa Nru. 41 u Nru. 42 tas-Sitt Leġislatura**

1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem con.*

1.2. Dwar punt 1.3 il-Kunsillier Bernard Lynch staqsa dwar l-applikazzjonijiet li kienu mitluba jibgħatu il-bars/ħwienet dwar l-iskart tagħhom. Is-Segretarju informa lil mejda li mhux kull ħanut kien irrisponda u għalhekk il-Kunsillier Dalli ippropona illi nitolbu is-Servizz tal-Wardens sabiex jissorveljaw il-problema ta' l-iskart fil-lokalita. Is-Sindku kompla billi talab li jiġi allokat baġit ta' €1,000 għal-wardens u talab lil membri sabiex dawn jibgħatu dettalji ta' ħinijiet/ġranet meta l-aħjar u fejn jissorveljaw il-wardens. Il-membri qablu.

1.3. Dwar punt 1.5 dwar *it-Taboo Bar* il-Viċi Sindku Dominic Grima irrimarka illi grazzi għas-sorveljanza tal-Pulizija jidher illi l-istorbju marbut ma' dan il-ħanut qed jiġi ikkontrollat però talab u l-membri qablu illi għandna nitolbu lil Pulizija sabiex dawn jissorveljaw il-post anke wara 12.00am.

1.4. Dwar punt 2.3 Bernard Lynch talab lil Kunsill Lokali jivverifika jekk il-permess ta' *Good Taste Snack Bar* kienx permess għal-pletform kienx għal waħda fissa tal-konkos jew inkella waħda mobbli. Is-Sindku irriċerka fis-sistema tal-MEPA u jidher illi l-permess ingħata għal-pletform u ma jissemmiex il-materjal jew jekk hiex mobbli jew le. Però il-mejda talbet li ssir verifika dwar dan ma l-awtoritajiet. Il-Kunsillier Steven Axisa fakkar illi huwa kien dejjem kontra li issir din il-pletform.

KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

1.5. Dwar punt nr. 4 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil mejda illi l-*punchclock* ġie installat kif maqbul fil-laqgħat preċedenti u bħalissa qegħdin fil-fażi li jiġu irreġistrati il-ħaddiema li ser jagħmlu użu mill-istess *pucnhclock*. Il-Kunsillier Dalli ippropona u l-membri kollha qablu illi għanda tittieħed azzjoni severa u konkreta kontra dawk il-ħaddiema illi mhux ser jippuncjaw. F'każ li dawn il-ħaddiema ikunu ħaddiema fuq l-iskema ta' l-ETC, IPSL jew LEAP jiġu rrapurtati lis-Superjuri tagħhom u jintalbu ma jattendux għax-xogħol sakemm jintlaħaq arranġament.

1.6. Dwar il-minuti NR. 42 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil mejda illi l-kuntrattur Zammit għamel ix-xogħol mitlub minnu u anke irritorna iċ-ċwievet tal-kamra tiegħu lil Kunsill skond kif mitlub mill-istess Kunsill Lokali. Is-Segretarju kompla billi informa lil mejda li għad fadal karozzi skrapjati u xi karrijiet tad-dgħajjes li għad fadal x'jitneħħew. Il-Kunsilliera Delezio talbet li sa laqgħa oħra jingħata rapport dwar eżattament x'fadal jitneħħa.

## 2. Korrispondenza

2.1. Ittra mingħand il-Koptasin li tinkludi fiha pjanta ta' xogħol ta' *road markings* kif mitluba mill-Kunsill Lokali Paola f'laqgħa preċedenti. Il-Membri qablu mat-tibdil propost fir-*road markings* fil-parti li tgħaqqad Triq Lampuka u Triq J. Stivala ma Triq Żabbar. Steven Axisa żied illi għanda issir talba uffiċjali lil Transport Malta sabiex minflok żebra *crossing* fi Triq Żabbar quddiem l-istitut isiru *Pelican Lights.*

2.2. Ittra mibgħuta mis-Sinjuri John u Doris Montebello joffru li jagħmlu servizz ta' Aerobics lir-residenti ta' Paola. Ir-rata abbinata ma dan is-servizz hija ta' Euro 30 kull lezzjoni li ddum siegħa u qed toffri lezzjonijiet minn nies kwalifikati darba fil-ġimgħa. Il-Membri qablu li joffru dan is-servizz għall-prezz ta' Euro5 għar-reġistrazzjoni. Steven Axisa issuġġerixxa wkoll illi dan isir quddiem il-funtana fil-Ġnien P. Boffa jew inkella is-sala ta' l-iskola Guze D'Amato. Is-Sindku issuġġerixxa li nkellmu wkoll lis-Surmast. Il-membri qablu li dan issir siegħa darba fil-ġimgħa għal perjodu ta' tnax il-ġimgħa u tintalab €5 għar-reġistrazzjoni. Għal-post u l-ħin il-Kunsill Lokali qabel li nitkellmu mas-Sinjuri Montebello biex tinstab l-aħjar soluzzjoni.

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

2.3. Proposta mibgħuta minn Lornit Co. Ltd dwar sistema kompjuterizzata li tieħu ħsieb is-sistema tal-krejnijiet kif ukoll sistema oħra li tieħu ħsieb l-ilmenti li jaslu għand il-Kunsill. Is-Segretarju ta' spjega lil membri dwar x'jinvolvu dawn is-sistemi u elenka l-vantaġġi għal-Kunsill Lokali. L-ispiża tinvolvi €81 fix-xahar għal-kul sistema. Is-Sindku issuġġerixxa li għalissa nibdew bis-sistema tal-krejnijiet u permessi u wara tlett xhur naraw is-sistema kif marret u jekk naraw li din ħalliet il-frott il-Kunsill mbagħad jiddiskuti jekk l-uffiċju għandux jagħmel użu mis-sistema ta' l-ilmenti wkoll.

2.4. Ittra mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani sabiex jagħmlu database dwar postijiet li jistgħu jużaw sabiex jingħataw servizzi għall-anzjani. Il-membri qablu li noffru is-Sala tal-Kunsill kif ukoll naraw jekk hux possibbli noffru is-sala ta' Guze D'Amato.

2.5. Ittra mibgħuta mill-*Primary Health Care Dept.* Sabiex isiru talks b'xejn marbuta mas-saħħa fil-Kunsill Lokali. Il-membri qablu li jibdew diskussjonijiet sabiex dawn it-talks jibdew isiru fil-Kunsill Lokali.

2.6. Talba mingħand is-Sinjuri Vella sabiex dawn jarmaw kjosk viċin tad-daħla tal-parkeġġ tal-Knisja ta' St. Antnin. Il-Viċi Sindku xtaq jiċċara li ma jaqbilx ma' dan għax jista' jinħoloq riskju li jkun hemm bosta gabbani oħra. Il-membri l-oħra qablu li jingħata dan il-permess.

2.7. Suġġeriment mingħand is-Sur Stefan Zahra sabiex tissemma triq għat-Tabib Karl Chircop. Is-Sindku ippropona li tissemma it-triq li sargħet ġdida riċentement (bla isem) u li tinsab fejn it-Torrijiet. Il-membri qablu li nibgħatu dan is-suġġeriment *lis-Street Naming Commitee*. Steven Axisa żied illi jekk il-quddiem tinstab l-opportunita, it-triq li tissemma għal Dr. Karl Chircop tkun waħda aktar ċentrali.

2.8. Talbiet mingħand is-Socjeta Filarmonika De Paule, mill-Għaqda Nar u Armar Madonna ta' Lourdes, mis-Socjeta Filarmonika 11 ta' Frar sabiex il-Kunsill isaħħaħ l-investiment li jagħmel il-Kunsill fit-tiżjin ta' l-armar speċjalment fid-dawl tal-fatt u kif nnotat fl-ittra tas-Soċjeta de Paule, il-ħwienet fin-naħa ta' isfel tal-pjazza naqsu .

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Is-Sindku ippropona illi għall-armar Ta' Lourdes il-Kunsill iħallas €500 lil kull Soċjetà għas-servizz mogħti kif ukoll li l-ispiża marbuta man-naħa ta' isfel tal-pjazza titla għal-€1,000 minn €700. Dan għandu jitwassal lil għaqdiet permezz ta' ittra uffiċjali.

## 3. Financial Quarter Report

3.1. Is-Sindku ressaq quddiem il-membri il-Financial Quarter Report ppreparat mill-accountant tal-Kunsill fejn jidher li minn Jannar sa Settembru hemm żbilanċ ta' €41,000 li kien attribwit għan-nefqa sostanzjali li sargħet fuq it-toroq tal-PPP. Il-membri taw ħarsa għall-figuri u approvaw.

## 4. Proġetti Kapitali

4.1. Is-Sindku żied illi apparti ir-rapport finanzjarju diskuss fil punt preċedenti, huwa talab ukoll lil accountant jagħmel eżerċizzju fejn jassumi li l-Kunsill Lokali Paola is-sena id-dieħla jidħol għall-proġetti ta' bini mill-ġdid tat-toroq Melita u Ċimiterju kif ukoll jidħol għall-proġett ta' Wied Blandun liema proġett ikun parzjalment finanzjat mill-*Urban Improvement Fund*. Għal dan l-eżerċizzju is-Sindku talab lil Perit għal stimi marbuta ma dawn it-toroq(annessi) u l-proġett ta' Wied Blandun. L-ispiża marbuta ma' dawn il-proġetti hija stmata li titla għal €297,000. Abbażi tal-fondi preżenti l-accountant ikkonkluda illi hemm fondi biżżejjed biex dawn il-proġetti isiru.

4.2. Is-Sindku xtaq jitlob lil membri sabiex ikunu huma li jagħżlu liem toroq għandom isiru minħabba l-fatt li huwa joqgħod ġo triq partikolari minnhom. Il-Viċi Sindku qal illi dawn it-toroq kienu intgħażlu fil-Kunsill preċedenti u il-kunsillier Dalli qal illi dawn it-toroq kienu anke imniżżla fil-programm elettorali. Għalhekk il-membri qablu li l-Kunsill Lokali joħroġ tender sabiex issir l-ewwel Triq Melita u l-ġnien ta' Wied Blandun minħabba l-istat li jinsabu fihom it-triq u l-ġnien imsemmija.

4.3. Il-Viċi Sindku talab li ssir attenzjoni partikolari għall-ilma li jinżel fi Ġnien ta' Wied Blandun u l-Kunsillier Axisa issuġġerixxa li naħdmu mal-Ministeru ta' l-Enerġija sabiex jiġi anke ikkonservat l-ilma li jasal fil-Wied.

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

## 5. Attivitajiet Milied

5.1. Il-Kunsillier responsabbli mill-Attivitajiet tal-Milied is-Sur Bernard Lynch informa lil mejda li l-party ta' l-anzjani huwa pjanat li jsir fit-18 ta' Diċembru fil-Palace u l-mistieden speċjali ser ikun Enzo Gusman. Il-Prezz ser ikun ta' Euro2.

5.2. Dwar l-ikel il-Kunsillier Lynch kompla billi qal li ġabar tlett kwotazzjonijiet mingħand Neriku, Primavera u Busy Bee fejn l-aħjar prezz kien dak ta' Neriku. Il-Membri qablu li l-caterer ikun Neriku.

5.3. Il-Kunsillier Lynch kompla illi ser jipprepara wkoll hamper żgħir għal-kul minn jattendi li ser jiswa madwar €1.50 għal kull persuna.

5.4. Il-Kunsilliera Rita Delezio staqsiet jekk hux ser isir party tal-Milied għat-tfal u l-Kunsillier Lynch saħaq li l-Kunsill Lokali m'għandux jorganizza dan il-party meta ser ikun hemm bosta parties għat-tfal organizzati mill-Każini u l-għaqdiet. Il-membri qablu.

5.5. Il-Kunsillier Lynch ippropona li għas-sound inkellmu lil Ray Axisa. Il-Kunsillier Axisa iddikjara konflitt ta' interess u għalhekk telaq mill-laqgħa sakemm ġie diskuss dan il-punt. Il-membri qablu li isir użu mis-servizzi ta'Ray Axisa għas-sound.

5.6. Il-Kunsillier Lynch kompla billi qal li hemm ħsieb illi issir żjara għal-Għawdex għall-presepju ta' Għajnsielem.

## 6. Tenders

6.1. Abbażi tal-konklużjonijiet li saru f'punt nr. 4 is-Sindku ippropona u l-membri qablu li joħorġu tenders għal-xogħlijiet fi Triq Melita u tender għall-Xogħolijiet fi Gnein Wied Blandun.

6.2. Is-Sindku żied ukoll illi hemm żewġ tenders oħra li iridu joħorġu dalwaqt minħabba li jiskadu f'Jannar 2015. Għaldaqstant il-membri qablu li jinħareġ it-Tender għal-Servizzi ta' Perit kif ukoll tender għar-road patching.

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**7. Ħwejjeġ Oħra**

7.1. Is-Sindku irrimarka li wara li saru il-One Ways f'parti waħda ta' Raħal Ġdid issa mistennija isiru il-One Ways fi Triq Nazzarenu, Ċimiterju u Xewk. Dan wara il-parit ta' Transport Malta li saħqet li l-introduzzjoni tal-one ways issir fażi-fażi. Il-membri qablu li għanda tintbagħat ittra dwar dan lir-residenti tal-madwar.

7.2. L-ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil J. Tirchett qal illi huwa kien attenda għal-laqgħa ta' konsultazzjoni illi sargħet mill-Gvern dwar il-proposta li l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali tas-sena 2015 jiġu posposti.

**8. Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-Pagamenti**

8.1. Il-Kunsill Lokali approva l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 43 għas-somma ta' €76,784.85.

**9. Aġġornament**

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.20pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' Diċembru 2014.

Approvati llum 16 ta' Diċembru 2014.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku